# MINUTI

## Laqgħa Annwali tal-Lokalita' Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru LAL/01/2023

It-Tlieta 4 t'April 2023

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar laqqa' lill-pubbliku għal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' fl-fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġużè' Aquilina, Il-Munxar Għawdex' nhar it-Tlieta 4 t'April 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

ATTENDENZA MILL-PUBBLIKU: 7

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

Din il-laqgħa ssejħet skont kif jistipula Artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Għal din il-laqgħa setgħu jieħdu sehem r-residenti li isimhom jidher fuq l-aħħar reġistru elettorali tal-Munxar, li dawn ġew innotifikati permezz ta' avviż li tqassam f'kull residenza.

### 1.1 Qari u approvazzjoni tal-minuti;

1.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-minuti tal-aħħar laqgħa pubblika bin-numru LAL/02/2022 u dawn ġew approvati minn dawk preżenti u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 1.2 Ir-Rapport Amministrattiv tas-sena 2022;

1.2.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, ippreżenta r-Rapport Amministrattiv tas-sena 2022 lill-membri u r-residenti preżenti. Dan ir-rapport se jkun qed jiġi approvat fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali li jmiss imbagħad ikun ukoll aċċessibli fuq il-*website* tal-Gvern Lokali.

### 1.3 Ir-Rapporti Finanzjarji tas-sena 2022;

1.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, ippreżenta r-Rapporti Finanzjarji tas-sena 2022 għall-attenzjoni tal-membri tal-pubbliku preżenti liema rapporti kienu approvati f'laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar aktar kmieni din is-sena u mibgħuta lill-awdituri għall-verifika tagħhom.

### 1.4 Pjan ta' Ħidma għas-sena 2023;

1.4.1 Is-Sindku għarraf lil dawk preżenti li matul l-ewwel xhur tas-sena 2023 ġie inawgurat ix-xogħol ta' riġenerazzjoni tal-Pjazza tal-Knisja liema nefqa kienet ta' madwar  miljun ewro. Huwa qal ukoll li qed jiġu konklużi d-dokumentazzjonijiet fir-rigward tal-proġetti ta' bini mill-ġdid u restawr ta' diversi kilometri ta' ħitan tas-sejjieħ madwar il-lokalita'. Is-Sindku stqarr li fix -xhur li ġejjin ser jiġu nawgurati wkoll il-

proġett ta’ tisbieħ fi Triq L-Isqawi, ix-xogħlijiet ta’ manutenzjoni fi Ġnien il-Professur Aquilina, kif ukoll ix-xogħlijiet ta’ restawr tat-Torri tax-Xlendi.

1.4.2 Is-Sindku imbagħad elenka lista ta’ proġetti li ser ikunu qed jiġu mplimentati fiż-żmien qarib, fosthom ir-riġenerazzjoni tad-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka, tisbieħ fil-promenade ta’ taħt Triq San Xmun fix-Xlendi, sistema ġdida ta’ dwal fi Triq il-Madonna tal-Karmnu u Triq San Xmun fix-Xlendi, kif ukoll *railing* ġdid għal Triq San Xmun.

## 1.5 Suġġerimenti mill-Pubbliku;

1.5.1 Ir-residenti preżenti, filwaqt li faħħru lill-Kunsill tax-xogħol li qed jagħmel, ressqu xi suġġerimenti tagħhom rigward il-Bajja tax-Xlendi fosthom sabiex ikun hemm aktar tisbieħ u xogħol ta’ tindif, aċċess aktar sigur u faċli biex iżuru t-Torri tax-Xlendi, kif ukoll aktar infurzar u preżenza ta’ Pulizija.

1.5.2 Suġġeriment ieħor kien dwar l-għeluq tat-toroq fil-jiem tal-festa fil-Munxar sabiex l-aċċess ma jingħalaqx għal jiem sħaħ inkuż matul il-ġurnata.

## 1.6 Tmiem il-laqgħa.

1.6.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30 ta’ filgħaxija.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |